193

**Tribunal ta' Revizjoni tal-Appell u l-Ippjanar**

**Appell minn Hrug ta' Penali Amministrattiva bin-Numru IF 2171 / 19 E ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap 549 u l-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-5 JUN 2020
ST FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Wasteserv Malta Limited (C. 30560**

**Vs**

**Awtorita' ghall-ambjent u r-Rizorsi**

Appell tas-socjeta **Wasteserv Malta Limited (C. 30560)**

Tesponi bir-rispett

Illi fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena 2019 inhareg avviz bl-intenzjoni li tigi imposta multa amministrattiva li saret effettiva f'termini tal-ligi permezz tal-Avviz dwar il-Hrug ta' Penali Amministrattiva (IF 2171 / 19 - E *Nru. ta' Riferenza tal-Multa*: SO0093) hawn annessa bhala *Dokument A*;

Illi l-esponenti appellanti gew notifikati b'dan l-avviz nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);

Illi l-appellanti hass ruhu aggravat b'dan l-Avviz liema penali amministrattiva ta' €3,570 giet imposta fuqha mill-istess Awtorita appellata minhabba is-segwenti ragunijiet u ai termini **tas-sub artikolu 81 (5) tal-Kap 549 u l-Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta** qieghed ghaldastant tipprezenta dan l-umli appel minnha:

"*Saret operazzjoni jew attivita ta' hazna u ta' manigjar minn WasteServ Malta Limited fit-transfer station tal-Kus fix-Xewkija, Ghawdex bejn il-perjodu tat-18 ta' Ottubru, 2017 u l-31 t' Ottubru 2019, minghajr il-permess mehtiega permezz*

*t'artiklu 58 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-ambjent u tar-Regolamenti dwar l-iskart (LS 549.63)."*

Flimkien ma' dawn is-sottomissjonijiet qed jigu ukoll anness l-ircevuta tal-hlas tad-dritt tal-appell (Dokument B).

Is-Socjeta' appellanti tissotometti ghal konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal dan li gej:

1. Illi qabel xejn l-Awtorita' appellata jehtieg li tipprova r-rwol tal-appellanti fil-kaz minnha invokat stante li f'dan il-kaz l-esponenti kienu qed jagixxu that l-istruzzjonijiet moghtija lilha mill-istess Awtroita appellata kif ser ikun muri f'dan is-smiegh odjern;

2. Illi bl-azzjoni bilaterali tal-partijiet, u dan fejn l-awtorita appellata kienet qed titlob minghand l-appellanti certu rapport tal-attivita koncernata fis-sit, inkluz il-fatt li l-istess awtorita accettat dawn l-istess rapport minghajr ebda kundizzjoni juru li hawn si tratta attivita li kienet qed isir bil-barka assoluta tal-istess Awtorita';

3. Illi f'dan il-kaz is-Socjeta' appellant kienet qed tosserva d-direttiva jew d-deċiżjoni mogħtija lilha mill-istess Awtorità. In-nuqqas taghhom ma jwassalx ghal penali taht l-Art. 80 tal-Kap 549 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi f'kull kaz l-impozizzjoni ta' din il-multa tista' ssir biss jekk u meta l-ordni mahruga mill-Awtorita tinkiser, u f'dan il-kaz l-Awtorita tehtieg li tressaq il-provi dwar dan;

5. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma sar l-ebda operazzjoni jew attivita ta' hazna u ta mmanigjar ta' skart mimnn Wasteserve Malta Limited minghajr il-permessi mehtiega. Kien id-dewmien f'dan il-kaz da parti tal-Awtorita appellata li kkawza hsara u pregudizzju lill-appellant. Ta' min ifakkar li l-funzjoni tas-socjeta' appellant hija li timplimenta l-istrategija tal-Gvern fl-immanigjar tal-iskart u bhala fatt hija *the operator of the last resort.*

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti qed jitolbu li l-*files* li ssir referenza ghalihom jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-files imsemmija minnha lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess it-Tribunal ghandu filwaqt li jilqa l-appell intavolat jordna li l-Avviz fuq imsemmi jigi revokat fil-konfront tal-appellanti u dana taht, u minghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Ai termini tas-**sub artikolu 81 (5) tal-Kap 549 l-istess appellant qed jitolbu** s-sospensjoni ta' kull provedimenti ohra li l-istess appellati jisghu jiehdu ai termini tal-istess sub artiklu sa mal-kaz jigi deciz.

Salv kull provediment li dan it-Tribunal jidirlu xieraq li ghandu jiehu.

Avv. Charlon Gouder

154, Triq il-Kbira,

Lija

cgouder@aggadvocates.com

Illi waqt is-smigh l-esponenti ser tressaq is-segwenti xhiedha:

(i) Konsulenti tal-Awtorita appellata kif ukoll ufficjali tal-istess sabiex jixhdu fuq il-fatti tal-kaz kif ukoll ir-Regolamenti vigenti;
(ii) Haddiema tas-Socjeta' appellanti sabiex jixhdu dwar il-fatt tal-kaz
(iii) Massimo Fanara
(iv) Bir-riserva ghall-xhieda ulterjuri.

Avv. Charlon Gouder

154, Triq il-Kbira,

Lija

cgouder@aggadvocates.com